# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Tlieta, 30 ta' Jannar 2024**

**Kawża Numru: 8**
**Rikors Guramentat numru: 390/2019JVC**

**William Gatt (ID 63147M) u permezz ta' digriet datat 27 ta' Jannar 2022 l-atti gew trasfuzi f'isem Claire Gatt (185478M) stante li William Gatt miet fil-mori tal-kawza**

**U**

**Joseph Ellul (ID 310253M)**

**U**

**Maria Ellul (ID 755854M)**

**U**

**Malcolm Ellul (ID 507683M)**

**U**

**Anne Marie Farrugia (ID 152981M)**

**vs**

**George Mangion (ID 176084M)**

**U**

**Marthese Mangion (ID 462575M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti William Gatt et li jaqra kif isegwi:

'Illi l-kontendenti huma l-komproprjetarji tat-tielet sular qua l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti illi jġib l-isem "Doris Flats" bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar, SPB 2732, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, u dan kif jirriżulta mill-kuntratti t'akkwist relattivi, hawn esebiti u mmarkati bhala Dok. A sa Dok. C;

Illi l-imsemmija proprjeta' tappartjeni lill-kondividenti fi kwoti ndaqs bejniethom b'ishma ugwali u indiviżi bejniethom;

Illi l-esponenti ma jixtiqux jibqghu iżjed fi stat ta' komunjoni ossija komproprjeta' tal-imsemmi fond flimkien mal-intimat jew bejniethom stess in kwantu jirrigwarda l-proprjeta' hawn fuq imsemmija;

Illi l-istess proprjeta' hawn fuq imsemmija hija komodament divizibbli, kif ikkonfermat mir-rapport tal-perit Joseph Saliba hawn anness u mmarkat bhala "Dok. D";

Illi r-rikorrenti ilhom li infurmaw lill-konvenut, permezz ta' ittra legali u ittra ufficjali, illi ma xtaqux jibqghu in komunjoni bejniethom fir-rigward tal-proprjeta' in kwistjoni, izda l-konvenut naqas milli jasal ghal ftehim bonarju ghall-qasma tal-proprjeta in kwistjoni;

Illi r-rikorrenti sahansitra pproponew diversi pjani ta' qasma, mahduma mill-istess perit Joseph Saliba, u ghaddew dawn lill-konvenut, izda l-ebda wahda minn dawn il-pjanijiet ta' qasma ma giet accettata;

Illi huwa car u manifest illi l-konvenuti ghamlu minn kollox sabiex ma ssirx qasma bonarja bejn il-partijiet, u dan jikkuntrasta mal-attitudini tal-atturi li ghamlu minn kollox sabiex fil-fatt issir qasma bonarja;

Għalhekk l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mid-drittijiet skond il-liġi, u jitolbu it-terminazzjoni tal-komproprjeta hekk eżistenti bejniethom lkoll u l-konvenut u d-diviżjoni tal-fond komuni bil-mod maħsub fil-liġi.

Ir-rikorrenti ghalhekk umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi l-atturi u l-konvenuti huma komproprjetarji ta' propjeta li tinsab fit-tielet sular qua l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti illi jġib l-isem "Doris Flats" bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar, SPB 2732, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, fi kwoti indaqs bejnithom;

2. Tiddikjara li propjeta imsemmija, hija komodament diviżibbli bejn il-partijiet u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

3. Tordna d-divizjoni tal-propjeta hawn fuq deskritta skond il-pjan tal-qasma propost mill-perit arkitett hekk mahtur, jew xort'ohra kif jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti;

4. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippublika att opportun ta' divizjoni f'data, hin u lok li jigi iffissat minn din il-Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jigu mahtura sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali bin-numru ta' referenza 3588/2018 li qedghin minn issa jigu nġunti għas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' George Mangion et li taqra kif isegwi:

1. 'Fl-ewwel lok, in linea preliminari, it-talbiet rikorrenti huma inammissibbli u dan 'l għaliex f'ċirkostanzi bħal dawk

odjerni, azzjoni bħal dik proposta hija espressament eskluża mill-artikolu 4 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta – *lex specialis derogat generali*;

2. Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu ġaladarba l-intimati qed jopponu, u dan stante dak li jgħid l-artikolu 7 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fit-tielet lok, ukoll in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex mogħnija mill-kompetenza neċessarja biex tisma' din it-tilwima, u dan b'konsegwenza ta' dak li jingħad fit-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-qasma proposta toħloq diskapitu lill-esponenti, mhux biss bit-tnaqqis tal-użu preżenti, li preżentement ma huwiex limitat għal żona partikolari, iżda huwa mifrux mal-bejt kollu bil-limitazzjonijiet ikunu biss dawk provduti bl-artikolu 491, iżda wkoll bit-tnaqqis fil-valur ta' dak miżmum mill-esponenti;

5. Fil-ħames lok, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-qasma proposta toħloq preġudizzju fil-konfront tal-intimati, u żvantaġġ sporporzjonat fil-konfront tagħhom għaliex in-nuqqas ta' kobor tagħha joħnoq kull possibilita' ta' żvilupp fil-futur qarib, mentri l-arjiet flimkien jagħtu potenzjal aħjar ta' żvilupp lil kull komproprjetarju;

6. Fis-sitt lok, mill-bqija, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li jinsabu minn issa inġunti għas-subizzjoni.

**DIKJARAZZJONI** tal-intimati, li biha jikkonfermaw u jiddikjaraw ILLI:

Jesponi bir-rispett, u bil-gurament tieghu, George Mangion, ghalih personalment u ghal martu, jikkonferma, jiddikjara u jeccepixxi ILLI:

1. L-intimati jaqblu illi huma komproprjetarji mar-rikorrenti tal-bejt fuq il-blokk bl-isem ta' "Doris Flats", 93 fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar, izda ma jaqblu mat-talbiet proposti, u dan ghar-ragunijiet li nghataw fl-eccezzjonijiet u dikjarati hawnhekk.

**It-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra taghhom, u dan ghas-segwenti ragunijiet:**

2. Dwar l-ewwel, it-tieni eccezzjoni u t-tielet eccezzjon, jinghad fl-ewwel lok, in linea preliminari, it-talbiet rikorrenti huma inammissibbli u dan 'l għaliex f'ċirkostanzi bħal dawk odjerni, azzjoni bħal dik proposta hija espressament eskluża mill-artikolu 4 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta; u fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jintlaqgħu ġaladarba l-intimati qed jopponu, u dan stante dak li jgħid l-artikolu 7 tal-Kapitolu 398 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Dwar it-tielet eccezzjoni, ukoll in linea preliminari, din l-Onorabbli Qorti ma hijiex mogħnija mill-kompetenza

neċessarja biex tisma' din it-tilwima, u dan b'konsegwenza ta' dak li jingħad fit-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Dwar ir-raba' eccezzjoni, jinghad minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-qasma proposta toħloq diskapitu lill-esponenti, mhux biss bit-tnaqqis tal-użu preżenti, li preżentement ma huwiex limitat għal żona partikolari, iżda huwa mifrux mal-bejt kollu bil-limitazzjonijiet ikunu biss dawk provduti bl-artikolu 491, iżda wkoll bit-tnaqqis fil-valur ta' dak miżmum mill-esponenti;

5. Dwar il-hames eccezzjoni, jinghad, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-qasma proposta toħloq preġudizzju fil-konfront tal-intimati, u żvantaġġ sporporzjonat fil-konfront tagħhom għaliex in-nuqqas ta' kobor tagħhaq joħnoq kull possibilita' ta' żvilupp fil-futur qarib, mentri l-arjiet flimkien jagħtu potenzjal aħjar ta' żvilupp lil kull komproprjetarju;

6. Fis-sitt lok, mill-bqija, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

7. George Mangion, ghalih personalment u ghal martu, jikkonferma, jiddikjara u jghid illi jaf b'dawn il-fatti personalment;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, li jinsabu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.'.

Rat l-affidavits, xhieda, kuntratti, dikjarazzjoni *causa mortis*, rapport ex-parte, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti nhar it-23 ta' Frar, 2021 a fol. 87 et seq tal-process fejn permezz taghha cahdet l-ewwel tlett eccezzjonijiet preliminari u ghaddiet sabiex tordna l-prosegwiment tal-kawza;

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Mejju, 2021 Dr Joseph Mizzi ghar-rikorrenti talab in-nomina ta' Perit sabiex jivvaluta l-proprjeta' indikata fl-ewwel talba tar-rikors guramentat u jirrelata dwar jekk din hijiex komodament divizibbli bejn il-partijiet kollha u cioe' tistax tigi diviza komodament f'erba' ishma ugwali, u rat li l-Qorti seduta stante laqghet it-talba u nnominat lil Perit Joseph Grech;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Joseph Grech ipprezentat fl-atti nhar id-9 ta' Dicembru, 2021 u mahluf nhar l-10 ta' Jannar, 2022 a fol. 108 et seq tal-process;

Rat ir-rikors ta' Claire Gatt ipprezentat nhar is-26 ta' Jannar, 2022 fejn permezz tieghu nfurmat lil Qorti li fil-mori tal-kawza gie nieqes ir-rikorrent William Gatt u talbet sabiex ai termini tal-Artikolu 806 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti joghgobha tiddikjara li l-atti tal-kawza tghaddi fil-persuna taghha minflok id-decuius, rat li l-avukati tal-kontro-partijiet fil-verbal tas-27 ta' Jannar, 2022 irrimettew ruhhom u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni tal-atti minn fuq isem William Gatt ghal fuq isem Claire Gatt;

Rat id-domandi in eskussjoni lill-Perit Grech tar-rikorrenti Claire Gatt ipprezentati nhar l-10 ta' Marzu, 2022 u rat ir-risposti tal-Perit

Grech intavolati nhar is-17 ta' Gunju, 2022 a fol. 140 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' Mejju, 2022 Dr Joseph Mizzi ghan-nom tar-rikorrenti kollha ddikjara li r-rikorrenti filwaqt li prezentament m'ghandhomx pjan ta' zvilupp ma jeskludux li jekk tinqasam l-arja tal-bejt jizviluppaw l-arja rispettiva fil-futur;

Rat illi fil-verbal datat 2 ta' Frar, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet fattwali u legali:**

Illi r-rikorrenti flimkien mal-intimati konjugi Mangion huma komproprjetarji tal-arja fuq it-tieni sular ossia l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti li jgib l-isem 'Doris Flats' bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar.

Illi r-rikorrenti jippremettu li ma jixtiqux jibqghu izjed fi stat ta' komunjoni ossia f'komproprjeta' tal-imsemmi fond flimkien mal-intimati u ghalhekk ipprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu li l-Qorti tiddikjara li l-kontendenti huma komproprjetarji tal-imsemmija fond ossia l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti li jgib l-isem 'Doris Flats' bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar fi kwoti ndaqs bejniethom.

Talbu ghalhekk sabiex il-Qorti tiddikjara li l-proprjeta' imsemmija hija komodament divizibbli bejn il-partijiet u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi. Ir-rikorrenti talbu wkoll sabiex il-Qorti konsegwentement tordna d-divizjoni tal-proprjeta' msemmija skont il-pjan ta' qasma propost mill-perit arkitett hekk mahtur jew xort'ohra kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti. Finalment talbu sabiex il-Qorti tahtar Nutar Pubbliku biex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f'data, hin u lok li jigi ffissat minn din il-Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jigu mahtura sabiex jirrapprezentaw lil eventwali kontumaci.

Illi l-intimati konjugi Mangion dwar il-kwistjoni tad-divizjoni tal-proprjeta' mizmuma in komproprjeta' iressqu tlett eccezzjonijiet u cioe' li l-qasma proposta tohloq diskapitu lilhom, mhux biss bit-tnaqqis tal-uzu prezenti, li prezentement m'huwiex limitat ghal zona partikolari, izda huwa mifrux mal-bejt kollu bil-limitazzjonijiet ikunu biss dawk provduti bl-Artikolu 491, izda wkoll bit-tnaqqis fil-valur ta' dak mizmum minnhom. L-intimati eccepew ukoll li l-qasma tohloq pregudizzju fil-konfront taghhom, u zvantagg sproporzjonat fil-konfront taghhom ghaliex in-nuqqas ta' kobor taghha johnoq kull possibilita' ta' zvilupp fil-futur qarib, mentri l-arjiet flimkien jaghtu potenzjal ahjar ta' zvilupp lil kull komproprjetarju. Finalment eccepew li mill-bqija t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi mill-atti jirrizulta li bejn il-kontendenti hemm qbil li l-fond ossia l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti li jgib l-isem 'Doris Flats' bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar huwa mizmum in komproprjeta' bejn il-kontendenti kollha fi kwota ndaqs bejniethom.

Illi l-kwistjoni kollha ddur dwar jekk l-arja in kwistjoni hijiex wahda komodament divizibbli jew le. Fil-mori tal-kawza gie nominat il-Perit Joseph Grech, fuq talba tar-rikorrenti, sabiex jivvaluta l-proprjeta' u jirrelata dwar jekk din hijiex komodament divizibbli bejn il-partijiet kollha u cioe' tistax tigi diviza komodament f'erba' ishma ugwali (ara verbal tan-nomina a fol. 105 tal-process).

Illi l-Perit Joseph Grech irrelata dwar dan permezz ta' rapport ipprezentat nhar id-9 ta' Dicembru, 2021 u mahluf nhar l-10 ta' Jannar, 2022 a fol. 108 et seq tal-process. Dwar id-divizjoni tal-arja mertu tal-kawza odjerna l-Perit Grech irrelata kif isegwi:

'**<u>Divizjoni</u>**

Jekk wiehed jikkunsidra biss li l-arja tinqasam f'erba' ishma ndaqs sempliciment biex kull min ghandu appartament jaghmel uzu minn din l-arja **fl-istat li hi**, allura iva dan l-ispazju jista' jinqasam komodament kif muri fi skizz Dok JG 08 filwaqt li l-ispazju tat-tarag u x-xaftijiet jibqghu spazji komuni.

Però dan ma jibqax il-kaz jekk id-divizjoni trid issir biex kull sehem ikun jista' jisfrutta l-potenzjal fabrikabbli ta' l-arja u dan ghaliex b'dan il-mod kull sehem ma jista' qatt ikollu l-istess kwalitajiet, l-istess kundizzjonijiet u l-istess valur li wiehed ghandu jattribwixxi ghal divizjoni komda.

F'dan il-kaz l-arja trid tinqasam orizzontalment u kull sehem jiehu spazju minn certu gholi sa certu gholi.

L-esponent jifhem li l-ahjar mod biex dan isir huwa billi flok – kif tippermetti l-Policy tal-Ippjanar – jinbnew sitt livelli, jinbnew erba' livelli biss b'qies tali li l-gholi bejn is-saqaf ezistenti u l-gholi permissibli tal-binja (salv l-gholi ta' l-opramorta ta' metru) jinqasam bejn l-erba' livelli.

F'dan il-kaz l-esponent jemmen li r-'*receded floor*' m'ghandux jinbena u l-area tas-saqaf ghandha tinqasam bejn l-erba' ishma kif jidher fi skizz anness bhala Dok JG08.

Ta' min izid li ghalkemm f'dan il-kaz l-arja hija kkunsidrata bhala komodament divizzibli f'volumi orizzontali, il-valur ta' kull sehem ma jistax jitqies l-istess u dan minhabba l-fatt li peress li m'hemmx spazzju biex jigi nstallat '*lift*', il-porzjonijiet li jkunu aktar fl-gholi dejjem jitilfu mill-valur taghhom minhabba l-inkonvenjenza biex tasal ghal fond mibni f'dak it-tali porzjon, liema inkonvenjent dejjem jizdied aktar ma titla 'l fuq.'.

Il-Qorti ser tirriproduci l-skizz li ghamel il-Perit Grech anness mar-rapport tieghu u mmarkat bhala Dok JG08 li jindika kif tista tigi diviza l-arja mertu tal-kawza odjerna f'ka li tibqa kif inhi u mhux zviluppata.




Illi dwar il-qasma tal-beni in komun jipprovdu l-Artikoli 496 *et seq* tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' rilevanza partikolari ghall-fatti tal-kaz odjern huma s-segwenti artikoli:

> '**496.** (1) Ħadd ma' jista' jkun imġiegħel jibqa' fil-komunjoni, kull wieħed mill-komproprjetarji jista' dejjem, għad li jkun hemm ftehim xort'oħra, jitlob il-qasma, kemm-il darba ma jkunx hemm b'testment li din il-qasma m'għandhiex issir jew li għandha tinżamm sospiża skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 906.
>
> (2) Iżda, jiswa l-ftehim li l-komunjoni tibqa' għal żmien determinat, li ma jkunx jaqbeż il-ħames snin; u kull ftehim għal żmien itwal hu null għal dak iż-żmien li jkun jaqbeż il-ħames snin.
>
> (3) Dan il-ftehim jista' jiġġedded.'

**'501.** (1) Il-beni għandhom jiġu stmati minn periti magħżulin mill-partijiet, jew maħtura mill-qorti kif provdut fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Il-periti għandhom, fir-rapport tagħhom, igħidu jekk il-beni jistgħux jiġu maqsuma bla xkiel u mingħajr ħsara, u, kemm-il darba l-beni jistgħu jiġu hekk maqsuma, il-periti fl-istess rapport għandhom jiffissaw kull wieħed mill-ishma li jistgħu jinħarġu u l-valur ta' kull sehem, billi jħarsu, sakemm dan jista' jsir bla ħsara kbira, id-dispożizzjonijiet tat-tliet artikoli li ġejjin wara dan.

**502.** Kull wieħed mill-komproprjetarji għandu jedd jieħu s-sehem tiegħu tal-beni in natura.

**503.** Il-komproprjetarju li jkollu beni immobbli minnhom infishom viċini għal xi wħud mill-immobbli in komun li jkunu sejrin jinqasmu, jista' jitlob li dawk il-beni immobbli jiġu assenjati lilu bi stima, iżda dan kemm-il darba jkun hemm immobbli oħra inkomun li minnhom jista' jiġi assenjat lil kull wieħed mill-komproprjetarji l-oħra sehem bejn wieħed u ieħor ugwali.'

**'504.** Meta wieħed jiġi biex jifforma u jqassam l-ishma, għandu jevita li jifred il-fondi fi bċejjeċ jew li joħloq servitujiet; u għandu jfittex li jdaħħal f'kull sehem l-istess kwantità ta' ħwejjeġ mobbli, immobbli, jeddijiet jew krediti tal-istess xorta u tal-istess valur.

**505.** Id-differenza fid-daqs tal-ishma in natura, meta ma tistax bla xkiel tiġi evitata, titpatta bil-ħlas ta' somma ta' flus

f'ammont daqs kemm tkun id-differenza bejn is-sehem akbar u s-sehem iżgħar.'.

Illi d-difiza tal-intimati konjugi Mangion hija fis-sens (i) li l-qasma proposta sejra tohloq diskapitu lilhom mhux biss bit-tnaqqis tal-uzu, izda wkoll bit-tnaqqis fil-valur ta' dak mizmum minnhom (ir-raba' eccezzjoni), u (ii) li l-qasma sejra tohloq pregudizzju fil-konfront taghhom u zvantagg sproporzjonat ghaliex in-nuqqas ta' kobor taghha johnoq kull possibilita' ta' zvilupp lil kull komproprjetarju (il-hames eccezzjoni).

Illi dwar dak eccepit fir-raba' u l-hames eccezzjoni, l-Artikolu 496 kwotat aktar il-quddiem jitkellem car fejn jiddisponi li hadd ma' jista' jkun imgieghel jibqa' fil-komunjoni u kull wiehed mill-komproprjetarji jista' jitlob il-qasma. L-argument tal-intimati konjugi Mangion li bil-qasma proposta sejrin igarrbu diskapitu bit-tnaqqas tal-uzu u tal-valur huwa wiehed zbaljat. Il-ligi xxaqleb favur li hadd ma jibqa b'mod sfurzat in komproprjeta' tant li l-Artikolu 497 tal-Kodici Civili jittratta l-kaz fejn f'testment ikun hemm il-projbizzjoni tal-qasma.  Dan l-artikolu jiddisponi li anke fil-kaz ta' projbizzjoni, l-Qorti tista' tordna jekk ikun hemm cirkostanzi gravi u li ma jridux dewmien, il-hall tal-komunjoni. Fil-kaz odjern il-Qorti hija rinfacjata bis-sitwazzjoni li jew tordna d-divizjoni skont kif indikat mill-Perit Joseph Grech, jew inkella tordna l-bejgh bil-licitazzjoni stante li hadd ma jista' jibqa fi stat ta' komproprjeta'. Illi meta dawn iz-zewg cirkostanzi jitqieghdu fuq il-mizien ta' x'inhu l-ahjar interess tal-partijiet, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li gjaladarba l-Perit stabbilixxa li l-bejt fl-istat li hu huwa wiehed komodament divizibbli ghalhekk hija ghandha tghaddi sabiex tordna d-divizjoni tal-bejt/arja. Effettivament tnaqqis fl-uzu mhux ser ikun hemm stante li strettament kull parti dejjem kienet suggetta li taghmel uzu minn parti tal-bejt. Dwar it-

tnaqqas fil-valur dan jista jirrizulta biss jekk parti mill-kontendenti tiddeciedi li tizviluppa l-parti taghha b'dan li t-tnaqqas fil-valur ser jigi soffert mill-partijiet kollha u mhux unikament minn xi parti wahda. F'tali cirkostanza l-Qorti tissollecita u titlob l-buon sens mill-partijiet kollha sabiex fl-eventwalita' li jkun sejjer isir xi zvilupp dan ghandu jsir bi qbil bejn il-partijiet kollha stante li jekk l-izvilupp isir b'mod shih ovvjament l-arja ser trendi aktar valur lill-partijiet kollha, a kuntrarju jekk l-arja tigi zviluppata individwalment. Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak li ghadu kif inghad il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll dawn iz-zewg eccezzjonijiet u konsegwentement ser tordna li ssir id-divizjoni tal-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti li jgib l-isem 'Doris Flats'.

Jsegwi ghalhekk li dak li jifdal x'jigi trattat huwa li jigi diviz l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti li jgib l-isem 'Doris Flats' bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar.

<u>**Divizjoni:**</u>

Illi ai termini tal-Artikolu 503 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ser tghaddi sabiex tassenja parti mill-bejt lil dik il-parti li ghandha l-beni mmobbli taghha vicin taghha. F'dan il-kaz billi qeghdin nitkellmu dwar bejt kull parti ser tinghata parti mill-bejt li tigi fuq il-proprjeta' taghha. Id-divizjoni sejra ghalhekk ssir bil-mod segwenti:

1. Il-parti tal-bejt immarkata bin-numru '1' fuq l-iskizz tal-Perit Joseph Grech immarkat bhala Dok JG08 a fol. 120 tal-process sejjer jigi assenjat lir-rikorrenti Joseph u martu Mary konjugi Ellul;

2. Il-parti tal-bejt immarkata bin-numru '4' fuq l-iskizz tal-Perit Joseph Grech immarkat bhala Dok JG08 a fol. 120 tal-process sejjer jigi assenjat lir-rikorrenti Malcolm Ellul u ohtu Anne-Marie Farrugia;

3. Il-parti tal-bejt immarkata bin-numru '2' fuq l-iskizz tal-Perit Joseph Grech immarkat bhala Dok JG08 a fol. 120 tal-process sejjer jigi assenjat lill-intimati George u Marthese konjugi Mangion;

4. Il-parti tal-bejt immarkata bin-numru '3' fuq l-iskizz tal-Perit Joseph Grech immarkat bhala Dok JG08 a fol. 120 tal-process sejjer jigi assenjat lir-rikorrenti Claire Gatt.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' w' tiddeciedi din il-kawza bil-mod kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha rimanenti tal-intimati konjugi Mangion;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti u l-intimati huma komproprjetarji ta' propjeta' li tinsab fit-tielet sular qua l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti illi jġib l-isem "Doris Flats" bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu, fi kwoti indaqs bejnithom;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-proprjeta' imsemmija ossia l-bejt fuq il-blokk ta' appartamenti illi jgib l-isem "Doris Flats"

bin-numru tlieta u disghin (93) fi Triq Patri Guzepp Calleja, San Pawl il-Bahar hija wahda komodament divizibbli bejn il-partijiet;

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna d-divizjoni tal-proprjeta' fuq deskritta skont kif indikat aktar qabel fis-sezzjoni '**Divizjoni:**';

5. Tilqa' r-raba' talba u tahtar lin-Nutar Pubbliku Sean Critien sabiex jippublika l-att opportun ta' divizjoni fi zmien massimu ta' tlett xhur mil-lum fid-data, hin u lok indikati minnu u tinnomina lil Dr. Alex Scerri Herrera bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-att ta' divizjoni.

Bl-ispejjez kollha nkluz tan-nutar u tal-kuratur ghandhom jigu sopportati in kwantu kwart (1/4) kull wiehed mill-partijiet.

Komunika: Nutar Dr. Sean Critien, Dr. Alex Scerri Herrera.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Jannar, 2024**